# Epigrammi Sarkastiċi (ii)

## 358. ŻEWĠ SOĊJETAJIET

Grace għandha soċjeta' mal-ħabib tagħha
biex jittradixxu 'l żewġha t-tnejn bil-kwiet;
u għandha soċjeta' flimkien ma' żewġha
biex tal-ħabib fidil iħammlu l-bwiet.

## 359. X'DINJA DIN

Oh x'dinja din! gerger it-tfajjel ċkejken,
li jkolli norqod meta m'għandix nagħas,
u mbagħad filgħodu, meta nixtieq norqod,
ikolli nqum, anki bl-uġigħ ta' ras!

## 360. L-ISQOF PROTESTANT

Merwyn kien l-isqof protestant mill-eħrex,
kulħadd fil-biża' tiegħu għex u dara;
'mma daqs kemm in-nies kienet tibża' minnu,
daqshekk hu kien, miskin, jibża' mill-mara.

## 361. DAIDY U L-IXKUPA

L-ixkupa kienet darba siġra sbejħa,
bix-xuxa kbira 'l fuq ġo nofs il-ġnien;
u Daidy l-isbaħ mara ġewwa l-ħwienet;
illum jikinsu l-art it-tnejn flimkien.

## 362. QALBHA TAJBA

Vicky ħalliet lil żewġha u lil uliedha,
u ħarbet m'ieħor; 'mma biex turi l'hija
qalbha tajba tassew, qabel ma telqet
ħalliet għas-sħana l-ikel ta' fl-għaxija.

## 363. NIKOL

Nikol jitlob il-vot u x-xorb iħallas;
in-nies tixrob fil-ħwienet ġemgħa ġemgħa;
li kieku ta' kull grogg tawh vot, kien jitla'
mhux biss fil-parlament, imma fis-sema.

## 364. WARA L-KUNĊERT

Spiċċa l-kunċert, u s-surmast dar daħkani
biex jiżżiħajr lin-nies li ċapċpu jdejhom;
iffortunat! in-nies ma setgħetx tara
kemm tmeżmeż fil-kunċert; kien dahru lejhom!

## 365. DĦUL U ĦRUĠ B'XEJN

Is-sid tal-bagaret fil-bieb igħajjat:
"Id-dħul bla flus! bla flus fejn tidħol fejn?"
U Frankie tħajjar, għax bla flus, li jidħol,
u daħal b'xejn, u msejken ħareġ b'xejn!

## 366. FRANKIE U L-MARA

Kif daħlu l-bieb tad-dance-hall ħadu ferħa
biż-żfin u d-daqq li jgħaxxaq il-widnejn,
bid-dwal, bl-ilwien, bix-xorb... 'mma l-akbar ferħa
għaliex sa jsibu ma' min jiżfnu t-tnejn.

## 367. IL-LIBSA T'EVA

X'fettlilha lil dik Eva tixtieq libsa
u bil-werqiet tat-tin titgħatta fis?
Kemm qanqlet kurżita', kemm xewqiet fiergħa!
Kemm qallgħet flus ta' xejn lill-istriptease!

## 368. IŻ-ŻEWĠ QARGĦAT

Minn barra u kemm minn ġewwa Frans kien qargħi,
u ż-żewġ qargħat ta' Franz kienu kbar sewwa;
'mma waqt illi kien jaħbi dik ta' barra,
daqshekk kien iħobb juri dik ta' ġewwa.

## 369. META BEŻŻA' LIL TAD-DAR

Martu u wliedu qatt ma beżgħu minnu
ħlief meta spira u miet; ah dikinhar
kif twerwru kif rawh mejjet! u ħadd minnhom
għal xahrejn sħaħ ma daħal waħdu d-dar.

## 370. L-AĦBAR TA' ŻEWĠHA

Kemm ferħet Mariross kif l-aħbar semgħet
li żewġha fuq vapur kien ħajtu ħalla!
għaliex issa tiżżewweġ lil ħabibha
u ġewwa darha terġa' l-grazzja t'Alla.

## 371. IL-FWIEĦA TA' PEPPA

Peppinu jħobb il-fwieħa l' għandha Peppa;
Peppi, jaħasra, dik fwieħet il-fjuri!
kieku kellek ixxommha ir-riħa tagħha
dak wiċċek jibda jbiddel il-kuluri!

## 372. QATT MA TA XEJN

Qatt ma ta xejn lil ħadd fil-għomor tiegħu;
għax ħajtu kollha jgeddes flus fuq flus;
u jekk xi ħadd selaħ xi ħaġa minnu,
kien biss, f'xi lejl tas-sajf, xi ftit nemus.

## 373. JIEKOL DEJJEM

Jiekol mingħajr mistrieħ u kull ma jara,
illi sa jixba' huwa qatt ma jemmen;
u kif sar smin u ħxien u ħxien iżżejjed,
il-Mewt qatlitu bħal ħanżir imsemmen.

## 374. IL-BARUNISSA

Il-barunissa mdawra bil-mistiedna,
tkantalhom kanzunetti ta' kull lok;
jaħasra titqarraqx, ja Barunissa!
mhux int lin-nies qed tiġbed, iżda l-kok!

## 375. L-GĦAĠĠLA TAL-LUM

Għaġġel u għaġġel, u aktar maż-żmien jgħaddi
il-għaġġla tikber iżjed u tiżdied;
fil-Milied sirna nixtru l-bajd tal-Għid,
fil-Għid nimpustaw l-ittri tal-Milied.

## 376. SAN ĠORĠ U R-REĠINA

Kien iħobb lil San Ġorġ u lir-Reġina
b'imħabba kbira ferm u barranija;
lilha fin-naħa ta' quddiem tal-lira,
u lilu fuq in-naħa warranija.

## 377. IL-KELB FIDIL

Ja kelb fidil, li tgħix dejjem ma' sidtek
kemm taf xi tgħid kieku kellek il-kliem!
Kemm irġiel serji, kemm irġiel miżżewġa
li ġew għand sidtek, kemm praspar bla tmiem!